**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 16 ta' Frra 2017**

**Pulizija**

**Spettur Luke Bonello**

**Vs**

**Andrew Bezzina**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Andre Bezzina ta' 32 sena, iben Carmel u Rita xebba Bartolo, imwieled Pieta' nhar is-27 ta' Novembru 1982, residenti Bini Tonyage, Flat 3, Triq San Vincenz, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 647582M;

Talli nhar l-14 ta' Marzu 2015 ghall-habta tas-06:30pm, gewwa n-Naxxar u f'dawn il-Gzejjer:

1) Ikkometta serq ikkwalifikat bil-hin u liema valur tal-haga misruqa ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Emanuel Camilleri;

2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jikkometti serq ikwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur, liema valur jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro euro w erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment t'Angelo Mifsud, Peter Mifsud u Carmel Mifsud, wera dan il-hsieb

b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor fejn l-ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin euro (€250), ghad-detriment t'Angelo Mifsud, Peter Mifsud u Carmel Mifsud.

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil hati bhala recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u dan ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza tittratta serq ta' diesel minn ingenji li kienu fuq sit ta' kostruzzjoni fi Triq it-Targa, Naxxar. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Fl-14 ta' Marzu 2015, Angelo, Peter, u Carmel, ahwa Mifsud, flimkien ma' Christian Azzopardi, ghamlu rapport mal-Pulizija li persuna mhux maghrufa dahlet fis-sit tal-kostruzzjoni fejn kellhom l-ingenji taghhom u pprova jisraq id-diesel minn go fihom. Fuq l-istess sit kien hemm ukoll makkinarju iehor ta' certu Emmanuel Camilleri, u dan sab id-diesel nieqes ghal kollox minn gol-ingenju tieghu. Il-persuna kienet ghadha hemm meta l-ahwa Mifsud dahlu fis-sit, izda dan harab bil-vettura tieghu, tat-tip Hyundai Excel u ta' lewn abjad, bin-numru DBN-014, minn fuq il-post. Ghalhekk il-Pulizija baghtet ghal sid il-vettura, li kien l-imputat, u wara li ttiehdet stqarrija tieghu hu tressaq il-Qorti b'dawn l-imputazzjonijiet.

Mill-provi prodotti l-Qorti m'ghandha ebda dubju li Bezzina fil-fatt seraq id-diesel ta' Camilleri, u pprova jisraq id-diesel ta' Mifsud. Apparti d-diversi dokumenti esebiti, quddiem il-Qorti xehdu l-ahwa Mifsud, li qalu li dakinhar huma kienu fil-vicin meta rcevew telefonata minn ghand Christian Azzopardi. Dan saqsihom jekk huma kienux baghtu 'l xi hadd biex jiehu d-diesel minn fuq il-post, peress li kien qed jara lil xi hadd diehel fuq is-sit ta' kostruzzjoni bil-laned tal-plastik vojta u johrog bihom mimlija diesel. Peress li Mifsud kienu fil-qrib, huma dahlu jigru hemm u raw lill-imputat, li anke gharfuh fl-Awla quddiem din il-Qorti, u sejhulu biex jieqaf izda dan ipprova jahrab bil-vettura tieghu. Carmel Mifsud xehed zewg knaten fit-triq biex jipprova jwaqqaf il-vettura milli tahrab, izda din ghaddiet minn fuqhom u baqghet sejra. Di fatti l-Pulizija raw li kien hemm is-sinjali ta' zejt tal-magna fuq il-knaten u fit-triq, li tindika li l-vettura garrbet hsarat fil-qiegh taghha b'dik il-manuvra.

Xehdu wkoll PS 1270 Antoine Zammit u PS 894 Alfred Cassar, li kkonfermaw ir-rapport tal-okkorrenza u z-zidiet li saru minnhom. Minn dan ir-rapport jirrisulta li l-Pulizija marret fuq il-post wara li saret is-serqa, u l-vettura in kwistjoni instabet fil-Hamrun, quddiem ir-residenza tal-imputat. Din kienet qed tnixxi z-zejt mill-magna, u ghalhekk kienet qed tikkorrespondi mal-hsara li kienet saritilha meta nstaqet ghall-fuq il-knaten li kienu nxtehtu minn Mifsud.

Xehed ukoll PC 1362 Jonas Schembri li esebixxa r-rapport tieghu fejn hu kien inkarigat jiehu ritratti tax-xena tad-delitt. Xehed PS 659 Jeffrey Hughes li ukoll esebixxa r-rapport tieghu, fejn hu kien inkarigat jeleva impronti digitali minn fuq il-post u minn fuq il-laned in kwistjoni. Xehed PS 1238 Clive Brimmer li esebixxa dokument li juri l-impronti digitali mehuda mill-imputat, sabiex isir ezami ta' komparazzjoni bejnhom u dawk li nstabu fuq ix-xena tad-delitt.

Aktar tard giet nominata Dr Natalie Zahra biex taghmel dan l-ezami komparattiv tal-impronti digitali, u fil-fatt hi halfet ir-rapport taghha quddiem il-Qorti u sabet li kien hemm qbil bejn impronta wahda elevata mill-Pulizija u dik tal-imputat.

Xehed ukoll l-Ispettur Luke Bonello li kkonferma l-istqarrija tal-imputat, esebixxa kopja ta' filmat li juri l-imputat isuq il-vettura tieghu jahrab mix-xena tad-delitt, u esebixxa wkoll erba' sentenzi fil-konfront tal-imputat dwar recidiva.

L-imputat ghazel li ma jixhedx f'dawn il-proceduri, u d-difiza ma ressqet ebda prova. Kull ma hemm hija l-istqarrija tal-imputat fejn hu kien innega li kien hemm dakinhar, u li l-vettura tieghu kellha l-hsara.

Minn dawn il-provi l-Qorti, kif gia' qalet, m'ghandha ebda dubju li l-imputat fil-fatt wettaq dan ir-reat. Il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni huma univoci f'dan ir-rigward, u ma gew bl-ebda

mod kontradetti minn xi provi tad-difiza. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati ta' dawn l-akkuzi, u l-piena ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 41, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**